RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Ġunju 2010

dwar il-monitoraġġ tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/307/UE)

Il-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE tat-3 ta' Mejju 2007 dwar il-monitoraġġ tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel [1] tistipula programm ta' monitoraġġ ta' tliet snin (2007–2009) għall-acrylamide f' ċertu ikel.

(2) Ir-riżultati għall-2007 ġew miġbura mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem l-EFSA) fir-Rapport Xjentifiku dwar ir-"Riżultati tal-monitoraġġ tal-livelli ta' " acrylamide fl-ikel' [2], maħruġ fit-30 ta' April 2009. Ir-rapport jinkludi wkoll ir-riżultati tal-acrylamide għaż-żmien ta' bejn l-2003 u l-2006 miġbura mill-Istati Membri u kkompilati mill-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza taċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni. Ir-riżultati għas-snin 2008 u 2009 għadhom mhumiex disponibbli. Ladarba dawn ikunu disponibbli, ir-Rapport Xjentifiku ser jiġi aġġornat.

(3) Il-Konfederazzjoni tal-Industrija tal-Ikel u x-Xorb (CIAA) żviluppat sett ta' għodda ("toolbox") li jistgħu jintużaw b'mod selettiv mill-produtturi tal-ikel b'konformità mal-ħtiġijiet partikulari tagħhom biex ibaxxu l-livelli ta' acrylamide fil-prodotti tagħhom.

(4) Ir-rapport tal-EFSA tat-30 ta' April 2009 ikkonkluda li ma kienx hemm tendenza konsistenti bejn il-gruppi tal-ikel lejn livelli aktar baxxi ta' acrylamide u li ma kienx ċar f'dan l-istadju jekk is-sett ta' għodda għall-acrylamide kinitx kisbet l-effetti mixtieqa tagħha.

(5) L-isforzi tal-industrija tal-ikel u tal-Istati Membri biex jinvestigaw modi ta' formazzjoni u modi għat-tnaqqis tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel għadhom għaddejjin. Sabiex wieħed ikun jista' jissorvelja l-impatt ta' dawk l-isforzi, huwa xieraq li jitkompla l-ġbir tad-dejta.

(6) L-esperjenza fl-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2007/331/KE wriet li l-programm ta' monitoraġġ jeħtieġ xi ftit adattamenti, eż. fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-oġġetti tal-ikel.

(7) Huwa importanti li r-riżultati tal-monitoraġġ jiġu rrapportati darba fis-sena lill-EFSA li għandha tiżgura l-kompilazzjoni ta' din id-dejta f'dejtabejs.

(8) Din ir-rakkomandazzjoni m'għandhiex tkun limitata fiż-żmien, iżda l-bżonn ta' monitoraġġ għandu jkun stmat fuq bażi regolari,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

(1) L-Istati Membri għandhom iwettqu, skont l-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-monitoraġġ tal-livelli ta' acrylamide fl-ikel kif hemm imsemmija f'dak l-Anness.

(2) L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-EFSA sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena u għall-ewwel darba sal-1 ta' Ġunju 2011 id-dejta għas-sena ta' qabel fil-format kif stipulat mill-EFSA għall-kompilazzjoni f'dejtabejs waħda.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-kampjuni huma rappreżentattivi għall-lott li ttieħed bħala kampjun, l-Istati Membri għandhom isegwu l-proċeduri għall-kampjuni stabbiliti fil-parti B tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tal-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll uffiċjali ta' livelli ta' ċomb, kadmju, merkurju, landa inorganika, 3-MCPD u benzo(a)pyrene fl-oġġetti tal-ikel [3].

[1] ĠU L 123, 12.5.2007, p. 33.
[2] Ir-Rapport Xjentifiku tal-EFSA (2009) 285.
[3] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29.

(4) Li l-Istati Membri jwettqu l-analiżi tal-acrylamide skont il-kriterja stipulati fil-punti 1 u 2 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benessri tal-annimali [1].

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

ANNESS

A. **Il-punti u l-proċedura tat-teħid tal-kampjuni**

1. It-teħid tal-kampjuni tal-prodotti għandu jitwettaq f'livell tas-suq (eż. f'supermarkets, ħwienet żgħar, fran tal-ħobż, u fil-ħwienet taċ-ċips u r-restoranti), fejn hemm traċċabilità tajba, jew fuq siti ta' produzzjoni. Fejn hu possibbli, il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-Istati Membri għandhom jettieħdulhom il-kampjuni ([1]).

2. It-teħid ta' kampjuni u l-analiżi għandhom jitwettqu qabel id-data ta' skadenza tal-kampjun.

B. **Il-prodotti, l-għadd u l-frekwenzi tal-kampjuni, rekwiżiti analitiċi**

1. It-Tabella t'hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali dwar l-għadd minimu ta' kampjuni għall-analiżi ta' kull sena għal kull kategorija ta' prodott. L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu aktar kampjuni fejn possibbli. It-tqassim tal-kampjuni għal kull Stat Membru huwa msejjes fuq iċ-ċifri tal-popolazzjoni b'għadd minimu ta' 4 kampjuni għal kull kategorija ta' prodotti u għal kull Stat Membru.

2. L-għadd ta' kampjuni jirreferi għall-għadd minimu ta' kampjuni li għandu jittieħed fis-sena. Fejn japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi (eż. it-teħid ta' kampjuni darbtejn fis-sena) dan huwa speċifikat fit-Taqsima C.

3. Billi kull kategorija ta' prodotti tinkludi varjetà wiesgħa ta' prodotti bi speċifikazzjonijiet differenti, l-informazzjoni addizzjonali għandha tingħata għal kull wieħed mill-prodotti fil-kampjun (kif speċifikat fit-Taqsima C). Sabiex wieħed jinnota x-xejriet taż-żmien huwa importanti li l-prodotti bl-istess speċifikazzjonijiet (eż. l-istess tip ta' ħobż) jittieħdulhom il-kampjuni kull sena fejn possibbli.

4. Jekk fi prodotti bl-istess karatteristiċi jinkisbu ripetutament riżultati 'l isfel mil-limitu ta' kwantifikazzjoni (LOQ – limit of quantification) dan il-prodott jista' jinbidel ma' ieħor sakemm jaqa' fl-istess kategorija ta' prodotti u sakemm tingħata deskrizzjoni tal-prodott.

5. Biex tkun żgurata l-komparabilità ta' riżultati analitiċi għandhom jintgħażlu metodi li jistgħu jiksbu LOQ ta' 30 µg/kg (l-iżjed tranżizzjoni ta' ion/ion intensa) għall-ħobż u l-ikel tat-trabi u t-tfal iż-żagħar u ta' 50 µg/kg għall-prodotti tal-patata, prodotti ċereali oħrajn, kafè u għal prodotti oħra. Ir-riżultati għandhom jiġu rrappurtati kkorreġuti għall-irkupru.

([1]) F'każijiet eċċezzjonali prodott speċifiku jista' jkun biss fis-suq bħala wieħed importat minn pajjiż terz. F'każijiet bħal dawn jistgħu jittieħdu kampjuni tal-prodott importat.

Għadd minimu ta' kampjuni għal kull kategorija ta' prodott

Pajjiż ta' bejgħ	Ċips mibjugħa bħala lesti biex jittieklu	Krisps tal-patata	Ċips imsajjra minn qabel/ prodotti tal-patata għat-tisjir fid-dar	Ħobż artab	Ċereali tal-kolazzjon	Gallettini, crackers, ħobż iqarmeċ u ikel simili	Kafè u sostituti tal-kafè	Ikel tat-trabi (minbarra ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali)	Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u tfal żgħar	Prodotti oħra	Total
(0)	(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)
AT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
BE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
CY	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
CZ	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
DE	24	24	24	24	24	24	24	24	24	14	230
DK	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
ES	14	14	14	14	14	14	14	14	14	14	140
EE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
EL	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
FR	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
FI	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
HU	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
IT	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
IE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
LU	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
LT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
LV	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
MT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
NL	6	6	6	6	6	6	6	6	6	8	62
PT	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
PL	14	14	14	14	14	14	14	14	14	14	140
SE	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
SI	4	4	4	4	4	4	4	4	4	4	40
SK	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
UK	20	20	20	20	20	20	20	20	20	14	194
BG	4	4	4	4	4	4	4	4	4	8	44
RO	8	8	8	8	8	8	8	8	8	8	80
Total	202	202	202	202	202	202	202	202	202	224	2 042

C. **Informazzjoni minima addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għal kull prodott**

L-informazzjoni minima addizzjonali li għandha tiġi pprovduta għal kull prodott fil-kampjun hija speċifikata fil-punti 1 sa 10. L-Istati Membri huma mistiedna li jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata.

1. *Ċips, mibjugħin lesti biex jittieklu, u li jinkludu magħhom is-sottokategoriji li ġejjin:*

1.1. Ċips magħmulin minn patata friska

1.2. Ċips magħmulin minn għaġina tal-patata

Il-prodotti lesti biex jittieklu għandhom jiġu kkampjunati fi ħwienet żgħar, fil-katini tal-fast food u fir-restoranti. L-ikkampjunar għandu jsir darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ([1]), li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— patata friska bħala materjal tal-bidu (sottokategorija 1.1) jew "pre-fabricates" (għaġina tal-patata) (sottokategorija 1.2),

— żieda ta' ingredjenti oħra.

2. *Krisps tal-patata, li jinkludu s-sottokategoriji li ġejjin:*

2.1. Krisps tal-patata magħmula minn patata friska

2.2. Krisps tal-patata magħmula mill-għaġina tal-patata (krisps iffurmati, krisps f'munzelli)

L-ikkampjunar għandu jinżamm darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ([1]), li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— patata friska bħala materjal tal-bidu (sottokategorija 2.1.) jew "pre-fabricates" (għaġina tal-patata) (sottokategorija 2.2.),

— proċess tal-qali: Moqlija kollha flimkien jew kontinwament moqlija,

— żieda ta' ingredjenti oħra, togħmiet jew additttivi.

3. *Ċips imsajjra minn qabel/prodotti tal-patata għat-tisjir fid-dar, inklużi s-sottokategoriji li ġejjin:*

3.1. Ċips imsajjra fil-forn ("oven fries")

3.2. Ċips moqlija fiż-żejt

Din il-kategorija tinkludi prodotti friski jew surġelati. L-ikkampjunar għandu jsir darbtejn fis-sena f'Marzu u f'Novembru ([1]), li jirriżulta fl-għadd totali ta' kampjuni speċifikati fit-tabella.

L-analiżi ta' kull kampjun għandha ssir fuq il-prodott wara t-tħejjija (eż. qali, ħami, eċċ). It-tħejjija għandha ssir fil-laboratorju skont l-istruzzjonijiet fuq it-tikketta.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— sottokategorija li għaliha jappartjeni l-prodott (kif imsemmi hawn fuq),

— patata friska bħala materjal tal-bidu jew "pre-fabricates" (għaġina tal-patata),

— prodott mibjugħ frisk jew surġelat,

— kundizzjonijiet użati għat-tħejjija skont it-tikketta,

— żieda ta' ingredjenti oħra.

([1]) Fil-każ li l-ikel ikun prodott minn patata pproċessata, mhux meħtieġ li jittieħdu l-kampjuni darbtejn fis-sena.

4. *Ħobż artab:*

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— t i p t a ' ħ o b ż a r t a b, eż. qamħ, segala, ħobż magħmul minn qmuħ differenti, ħobż ma' ingredjenti oħra, eċċ.

L-għażla tat-tip ta' ħobż għall-kampjunar għandu jirrifletti d-drawwiet tal-ikel ta' kull Stat Membru kkonċernat.

5. *Ċereali tal-kolazzjon (esklużi meusli u porridge):*

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— tip ta' qamħ,

— ingredjenti oħra (eż. zokkor, ġewż, għasel, ċikkulata).

Jekk ġew analizzati l-meusli u l-porridge, dawn għandhom ikunu rrapportati taħt il-Grupp 10. "Prodotti oħra".

6. *Gallettini, crackers, ħobż iqarmeċ u ikel simili (esklużi l-għaġina u kejkijiet), li jinkludu is-sottokategoriji li ġejjin:*

6.1. C r a c k e r s (eż. crackers tal-krema, crackers tas-soda, crackers "snack")

6.2. Ħ o b ż i q a r m e ċ (iffermentat/mhux iffermentat)

6.3. W e j f e r s (eż. għall-ġelat)

6.4. Ħ o b ż t a l - ġ i n ġ e r

6.5. O ħ r a j n (s p e ċ i f i k a)

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— sottokategorija li għaliha jappartjeni l-prodott (kif imsemmi hawn fuq).

L-għażla tal-prodotti għall-kampjunar għandu jirrifletti d-drawwiet tal-ikel ta' kull Stat Membru kkonċernat.

7. *Kafè u sostituti tal-kafè, li jinkludi s-sottokategoriji li ġejjin:*

7.1. K a f è i n k a l j a t

7.2. K a f è i n s t a n t (s o l u b b l i)

7.3. S o s t i t u t i t a l - k a f è

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— sottokategorija li għaliha jappartjeni l-prodott (kif imsemmi hawn fuq),

— għall-kafè inkaljat il-grad ta' inkaljar, (eż. medju skur), it-tip tal-fażola, jekk disponibbli, informazzjoni dwar jekk il-prodott huwiex mibjugħ bħala kafè miħun jew bħala ful, dekaffeinat/mhux dekaffeinat,

— kafè instant (solubbli) dekaffeinat/mhux dekaffeinat,

— għas-sostituti tal-kafe: il-materjal tal-bidu (eż. xgħir, segala, ċikwejra).

Il-kampjuni tal-kafé u s-sostituti tal-kafè għandhom ikunu analizzati kif mibjugħa u dan sabiex tkun żgurata l-komparabbiltà tad-dejta.

Jekk ikun possibbli, fit-tieni pass, ix-xarba tista' tiġi analizzata bħala waħda lesta għall-konsum. Il-kundizzjonijiet tal-preparazzjoni (kif indikati fuq it-tikketta) għandhom jiġu speċifikati, pereżempju l-ammont ta' kafè, l-ammont ta' ilma użat, dettalji tal-apparat użat, it-temperatura tad-distillazjoni, eċċ). Jekk il-kapaċità analitika limitata hija disponibbili, l-analiżi tal-kampjun kif mibjugħ għandha tingħata prijorità.

8. *Ikel tat-trabi, għajr l-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali* [1]:

Għandhom ikunu fil-mira l-oġġetti tal-ikel li fihom il-patata, l-għeruq tal-ħaxix jew iċ-ċereali bħala ingredjenti prinċipali (minbarra l-prodotti li jaqgħu taħt il-kategorija ta' ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali).

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— l-ingredjenti ewlenin.

9. *L-ikel ipproċessat abbażi taċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar* [2]*, li jinkludi s-sottokategoriji li ġejjin:*

9.1. Il-gallettini u l-biskuttelli għat-trabi u t-tfal żgħar

9.2. Ikel ieħor ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u t-tfal żgħar

Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati kif jinbiegħu u dan sabiex tkun żgurata l-komparabbiltà tad-dejta.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— sottokategorija li għaliha jappartjeni l-prodott (kif imsemmi hawn fuq),

— deskrizzjoni tal-prodott,

— tip ta' qmuħ, ingredjenti oħra.

10. *Prodotti oħrajn:*

Din il-kategorija tinkludi l-prodotti tal-patata, il-prodotti magħmula miċ-ċereali, il-prodotti tal-kawkaw minbarra dawk il-prodotti speċifikati f'wieħed mill-kategoriji msemmija hawn fuq (eż. patata "roesti" patata, ikel "snack" abbażi taċ-ċereali (eż. "curls" magħmulin mill-qamħ, ċips tat-tortilla, popcorn), meusli, porridge, għaġina u kejkijiet, eċċ).

L-għażla tal-prodotti għall-kampjunar għandu jirrifletti d-drawwiet tal-ikel ta' kull Stat Membru kkonċernat.

Il-prodotti jistgħu jeħtieġu li jiġu analizzati wara t-tisjir kif indikat fuq it-tikketta. Jekk inhu hekk, il-kundizzjonijiet użati għandhom ikunu speċifikati.

Informazzjoni speċifika li għandha tingħata:

— isem il-prodott u d-deskrizzjoni dettaljata tal-prodott (eż. ingredjenti ewlenin),

— il-kundizzjonijiet li fihom tħejja l-prodott skont it-tikketta.

---

[1] Kif definit fl-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16).

[2] Kif definit fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2006/125/KE.